**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 12 ta' Mejju 2022**

Rikors Numru: 86/22 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 740/2019)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewwġu nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fil-paroċċa ta' San Pubilju fil-Floriana, u dan, kif jirrizulta mic-certifikat anness u mmarkat Dok A.

2. Illi l-partijiet huma l-ġenituri tal-minuri E, illi twieldet fit-tnejn (2) ta' Ottubru tas sena elfejn u sittax (2016).

3. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt publiku fl-atti tan-Nutar Dottor Sam Abela datata id-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021); vera kopja tal-kuntratt jinsab anness u mmarkat Dok B.

4. Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti arretrati ta' manteniment fir-rigward tal minuri. Permezz tal-imsemmi kuntratt, il-partijiet iddikjaraw illi huma qiegħdin jiddekadu mid-dritt tagħhom li jitolbu manteniment mingħand xulxin.

5. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet peress illi minkejja illi huma huma legalment separati minn xulxin, il-partijiet illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Illi l-esponenti qiegħda tannetti affidavit tagħha, ma dan ir-rikors, mmarkat Dok C.

8. Illi l-esponenti tiddikjara illi hija ma għandha l-ebda prova ulterjuri xi tressaq f'dawn il-proċeduri.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

A. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

B. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jesponi illi ma jopponiex ghat-talbiet imressqa mir-rikorrent ghal pronunzjament ta' divorzju bejn il-

partijiet u ghall-ħall taż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet fit-28 ta' Ġunju 2019, b'dan illi huwa m'ghandux ibati l-ispejjeż odjerni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tall-14 ta' Marzu 2022;

Rat l-atti kollha;

Rat ir-risposta li tal-intimat;

Semghet lill-intimat jixhed bil-ġurament tiegħu;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom *de facto* separati minn Jannar 2021 u legalment separati mid-29 ta' Novembru 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.